MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru. 842/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs
Albert Leone Ganado bin Hugh u Theresa nee' Randon,
imwieled fis-6 ta' Frar, 1944 u residenti The Cherwell, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Balzan,
detentur tal-karta tal-identita' numru 163444(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Albert Leone Ganado li gie akkuzat talli nhar it-02.11.2008 ghal habta ta' 18:45hrs fi Triq ix-Xatt, Mgarr, Ghajnsielem

1. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju
2. u aktar talli, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu, li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz
3. u aktar talli kien isuq jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura bil-mutur u ma obdiex minnufih ordni diretta tal-pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi il-provi akkwiziti f'dana il-process iwasslu lill-Qorti temmen illi kien hemm *misunderstanding* u xejn aktar bejn il-pulizija u l-imputat fis-sens illi l-imputat ma fehemx l-istruzzjonijiet li tawh il-Pulizija fejn kellu jistenna f'serbut twil ta' karozzi li kienu qed jistennew sabiex jaqbdu l-vapur. L-imputat deherlu li kienet qed issir ingustizzja mieghu meta l-Pulizija qalulu biex jerga' lura fil-queue u ghalhekk talab in-numri tal-Pulizija u nfurmahom li kien se jirraporta l-incident lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dana ma jammontax ghal dak dispost fl-artikolu 95 tal-Kap 9 billi l-imputat la ngurja u lanqas hedded lill-Ufficcjal tal-Pulizija. Inoltre huwa obda l-ordnijiet tal-Pulizija u rega' mar lura fil-queue ghalkemm b'certa titubanza;

Ghalhekk l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati u l-imputat qed jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------